**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 12 ta' Marzu 2024**

**Rikors Guramentat numru : 10 /2021 AGV fl-ismijiet ;**

**OF**

**Vs**

**SA**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir- Rikors Guramentat taì OF**

Umilment u rivenernament jesponi u bil-guramenta tieghu jikkonferma:

**Dikjarazzjoni dawr l-Oggett u l-Fatti tal-Kawza**

1. Illlu l-esponent kien mizzewweg lill-intimata , bìdan hu minn tali zwieg twieled il-minuri EO F nhar l-erbatax(14) taì Mejju tas-sena elfejn u erbatax (2014).

2. Illi l-partijiet isseparaw bonarjament permezz ta kuntratt ippubblikat in atti tan-Nutar Clinton Bellizzi ta nhar id-disgha (9) taì Marzu tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) filiema kuntratt il-partijiet inter alia rregalaw il-kwistjonijiet relatati mal-awtoritaì parentali , il-kura u l-kustodja, l-access u l-manteniment relatati mal-minuri binhom (Dokument anness u mmarkat bhla Dok A );

3. Illi nonostante l-fatt li permezz tal-kuntratt suriferit il-kura u l-kustodja tal-minuri u baqghet vestita fientrambi l-partijiet kien sa minn dejjem l-attur li ha hsieb il-bzonnijiet , it-trobbija , l-edukazzjoni u s-sahha tat-tifel tal-partijiet.

4. Illi tant hu hekk ,li huwa unikament l-attur li bìhegga u dedikazzjoni kbira qeghed jaghmel hiltu biex jiehu hsieb il-bzonnijiet tal-minuri, nkluz dawk medicini relatati mal-kundizzjonijiet medici tal-awtizmu li ghandu l-istess minuri bìdan li l-attur sahansitra biddel l-impjieg tieghu ghal wiehed anqas attiv biex ikun jista jimmassunizza il-hin u t-terapija li tista tinghata lil minuri

5. Ill huwa l-attur li jiehu bzonn il-htiegijiet edukativi tal-minuri. Bìdan li huwa hu li jwassal u jigbor lill-minuri mill-iskola u jzomm kuntatt regolarli mall-ghalliema tieghu li jiehu hsieb jwasslu ghall-attivitajiet extra-kurrikulari u jsegwi l-progress tieghu;

6. Illi bl-istess mod huwa unikament l-attur li qieghed jgorr il-maggoranza assoluta tal-piz finanzjarju relatat mat-trobbija l-medikatur tal-minuri.

7. Illi dan kollu wassal sabiex il-minuri qieghed jesprimi x-xewqa ripetuta li jghix mal-attur missieru.

8. Illi di piuì hekk kif ser jirrizulta mis-smiegh taì dawn il-proceduri l-intimata qieghda tonqos mill-obbligi taghha wkoll waqt il-hin li tkun mat-tifel, fejn hija qieghda tonqos li tipprovdi ambjent seren , stabbli u li ssegwi il-progress edukattiv tal-minuri kif ukoll tonqos milli segwi kif imiss il-problemi taì sahha li ghandu l-minuri;

9. Illi fil-fatt jidher li l-intimata hija aktar koncentrata li tqattaì il-hin mal-hbieb u diversi partners taghha flok iggib l-ewwel u qabel kollox l-ahjar interess tat-tifel u dan fil-waqt li tonqos li tiehu hsieb l-aktar htiegijiet bazilari tal-minuri, inkluz l-indafa u l-igene personali li tizgura li jghix fiambjent abitabbli.

10. Illi ta sikwiet l-intinata tfittex l-interss taghha biss bil-konsegwenza li thalli u tafda lil minuri maì terzi.

11. Illi l-intimata ma hiex affidabbli , responsabbli u mìghandhiex il-maturitaì mehtiega biex tkompli tigi fdata tiehu hsieb il-bzonnijiet tal-minuri u bìdan li sahansitra kienet fil-passat wasslet biex taghmel rapport qarrieqi taì htif tal-minuri kontra l-attur wara li dan kien siefru l-Ingilterra ghat-terapija specjalizzata bl-gharfien u l-kunsens tal-istess intimata.

**Ragunijiet ghat-Talbiet fidawn il-Proceduri**

12. Illi nonostante li l-attur ipprova jasal ghal ftehim bonarju mal-intimata permezz ta proceduri ta medjazzjoni appozitu , ossia dawk bin-numru ta referenza 972/2020 tali attentata sfaxxaw fix-xejn minhabba t-traskuargini u l-pika tal-intimata li sahnaistra fl-ewwel medjazzjoni ddikjarat bicertu aggressjoni li hija ma kienetx disposta tasal fiedba ftehim.

13. Illi ghalhekk il-proceduri ta medjazzjoni gew maghluqa permezz taì digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti.

14. Illi l-attur jixtieq li jigu riveduti u regolati l-kwistjonijiet relattivi ghall-kura l-kustodja taì iben il-partijiet l-access ghall-istess kif ukoll li tigi ffistat retta alimentarja xierqa u dan biss unikament fis-suprem interss tal-istess minuri.

15. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

16. Illi l-attur jiddikjara li huwa jaf bìdawn il-fatti personalment.

Ghaldaqstant fl-isfond tas-suespost , tghid ghalhekk l-intimata ghaliex mìghandhiex din l-Onorabbli Qorti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neccessarja w opportuna u ghar-ragunijiet permessi kif

ukoll ghal dawk kollha li jistghu jirriltaw waqt it-trattazzjoni ta dawn il-proceduri:

i. Tordna li l-attur jigi fdat bil-kura l-kustodja esklussiva tal-minuri EOF ad eskluzzjoni tal-intimata;

ii. Tawtorizza lill-attur jiehu hsieb d-decizjonjiet kollha fir-rigaward tal minuri EOF nkluz dawk ta sahha u edukazzjoni kif ukol japplika u jottjeni wahdu l-hrug u l-estensjoni taì passaport tal-imsemmi minuri minghajr il-htiega tal-firma tal-intimata;

iii. Tiddikjara li l-istess minuri EOF ghandu jghix u jkollu ir-residenza ordinarja tieghu mal-attur bi dritt taì access favur l-intimata fìdawk il-granet u l-hinijiet li joghgoha tindika din l-Onorabbli Qorti izda tentu kont tal-esigenzi u x-xewqat tal-istess minuri kif ukoll tistabilixxi kif ghandu jigi ezercitat l-access fil-granet specifici u specjalu tas-sena kif ukoll fil-vaganzi tal-mminuri:

iv. Tordna lill-intimata sabiex tmantni lill- minuri EOF u ghal dan l-iskop tiffissa retta alimentari hekk stabbilita liema retta tinkludi l-ispejjez tas-sahha , edukazzjoni u l-ispejjez relatati mal-attivitajiet extra-kurrikulari u dan bìdawk il-modilitajiet kollha inkluz l-pagament isir permezz ta standing order li l-intimata ghandha tigi ordnata li taghmel ai favur l-attur kif ukoll li dini r-retta alimentarja tigi inkrimentata perjodikament sabiex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja;

v. Taghti dawk il-provvedimenti u l-ordnijiet kollha opportuni li din l-Onorabbli Qorti fid-diskrezzjoni taghha jidrilha li jkun hekk mehtiega ghat-twettieq shih u sewwa ta ídan il-gudizzju.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri kollha inkorsi mill-attur u bl-interess legali skond il-ligi kontra l-intimata li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

**Rat ir-risposta guamentata SA**

**Tesponi bir-rispett u bil-gurament tiddkjara :-**

1. Illi preliminarjament l-esponenti taghmel referenza ghar-rikors guramentat bin-numru 25/21 AL li gie pprezentat minnha nhar 22 taì Jannar 2021 u li fih hija ghamlet talbiet indentici bìdan illi l-kura u l-kustodja tkun fadta lilha , li l-minuri EOF (ara Dok A ) jirrisjedi maghha bìaccess favur ir-rikorrenti li huwa jigi ordnat jghati manteniment ghall-minuri fost talbiet ohrajn;

2. Fir-rigward l-ewwel u t-tieni talba l-esponenti toggezzjona bil-qawwa ghalihom ghar-ragunijiet li r-rikorrenti ilu jhedded li jrid jigi vestit bil-kura u l-kustodja tal-minuri minn mindu temmew iz-zwieg taghhom sabiex jahrab bih barra minn Malta kif fil-fatt ghamel fl-2018. Min-naha l-ohra l-esponenti dejjem rat kif taghmel u kkoperat mieghu dawr kull ma jkollu

bzonn il-minuri billi tinformah dawk dak kollu relatat maì binhom filwaqt li huwa dejjem fixkel u ma kkoperax la maghha u lanqas mal-professjonijsti involuti jew aghar minn hekk jibghat  lill-minuri ghall-attivitajiet extra-kurrikulari minghajr ma jiddiskuti jew jikkonsulta maghha kif ser jigi kkonfermat fl-mori taì dawn il-proceduri;

Illi bìreferenza ghat-tieni talba tar-rikorrent, jidher bic-car l-intenzjoni tieghu cioe li huwa jottjeni l-passaport tal-minuri sabiex ikun jista jahrab bil-minuri barra l-pajjiz. Sahansitra meta kien qed jinqara l-kuntratt taì separazzjoni tal-partijiet nhar id-9 taì Marzu 2020 ir-rikorrenti spicca jargument man-Nutar Clinton Bellizi ghax ma riedx jiddepozita l-passaport skadut il-Qorti kif miftiehem bejn il-partijiet fl-istess kuntratt;

Illi di piuì ghalkemm fir-rikors guramentat tieghu r-rikorrenti jghid li jiehu lill-minuri ghat-terapija huwa qatt ma nforma lill-esponenti dawr dan. Min-naha l-ohra l-esponenti mill-ewwel kienet informatu waqt il-medjazzjoni li qed tiehu ghand psikologa Dr. Denise Borg sabiex jekk il-minuri ghandu bzonn ghajnuna specjalizzata l-iskola meta ricentament l-esponenti nformatu li se jsir l-ahhar assessment huwa nfexx jhedded l-esponenti u anke bghat  ittra legali lill-psikologa minflok ghamel appuntament maghha sabiex jinteressa ruhhu fisahhet il-minuri kif kienet ilha theggu l-esponenti biex jaghmel. Dan l-istess agir isir ta ísikwiet mal-ghalliema u d-dirigenti tal-iskola li jkollha  tintervjeni l-esponenti stess u dan kif ser jigi pruvat fl-mori tal-proceduri;

Illi ghaldaqstant l-esponenti qieghda topponi ghal dawn it-talbiet u minflok hija ghandha tigi fdata il-kura u l-kustodja u decizjonijiet kollha tal-minuri sabiex jigi assigurati l-ahjar interess tal-minuri u sserah rasha li r-rikorrenti ma  jergax jaghmel li ghamel fil-passat;

3. Illi l-esponenti toggezzjona ghat-tielet talba tar-rikorrenti fis-sens illi a kuntrarju taì dak allegat minnu fir-rikors odjern , l-esponenti hija mara mizzewga , tahdem u ghandha wild minuri mminn dan iz-zwieg u dejjem hadet hsieb ghall-bzonnijiet taz-zewgt uliedha;

Illi kif se jigi provat fit-trattazzjoni tal-kawza odjerna , l-partijiet kienu ftehmu bejniethom gewwa l-Ingilterra meta l-attur harab bih u bdew il-proceduri taì Child Abduction gewwa l-Ingilterra li l-minuri jghix gimgha mal-omm u gimgha mal-missier minhabba l-kundizzjoni tal-awtizmu li ghandha ma gietx ikkonfermata. Maz-zmien ir-rikorrenti beda jaghmilha difficli lill-esponenti sabiex jezercitaw l-access skont il-kuntratt li kellha darba minnhom anke titlob l-intervent tal-pulizija;

Ghaldaqstant l-esponenti titlob li din it-talba tigi michuda fl-intier taghha u li l-minuri jirrisjedi mal-esponenti ghax aktar stabbilita filwaqt li r-rikorrenti ikollu granet u hinjiet taì access favur il-minuri skont dawk il-modilatijiet u kundizzjonjiet indikati minn l-Onorabbli Qorti;

4. Illi rigward ir-rabaì talba rikorrenti, l-esponenti topponi ghaliha tenut kont is-susepost u cioe li l-esponenti qed titlob li fl-ahjar interess tal-minuri huwa ghandu jirrisjedi maghha bìaccess favur ir-rikorrenti u ghalhekk hija tal-umli fehma li r-rikorrenti ghandu jigi ordnat sabiex jmantni lill-minuri billi jigi iffisat ammont taì manteniment li ghandu jinghata lill-esponenti liema manteniment ghandu jinkludi l-ispejjez kollha relatati mas-sahha u edukazzjoni tal-minuri stante li r-rikorrenti qatt ma hallas dawn l-ispejjez skont kif maqbul fl-imsemmi kuntratt kif ser jigi ppruvat fil-mori taì dawn il-proceduri. Bìdan illi fir-rigward tal-ispejjez tal-attivitajiet extra-

kurikkulari ghandhom jithallsu mill-parti li tkun ghazlet li tibghat lill minuri ghal dik l-attivitaì;

5. Illi hemm qbil dwar il-hames talba tar-rikorrenti u li dawn l-ordnijiet ghandhom dejjem jinghataw fl-ahjar interess tal-minuri ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kodici Civili .

6. Topponi ghall-ispejjez kollha tal-kawza odjerna;

Salv eccezzjonijiet ohra.

**Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti inkluz dawk relatati mal-proceduri taì medjazzjoni u mandati li hu ingunt minn issa ghas-subizzjoni.**

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat ir-Rapport tad-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal.[1]

**<u>FATTI</u>**

Peress illi din il-kawza kienet qed tinstema' kontestwalment ma' kawza ohra fl-ismijiet inversi, Rik. Numru 25/21, u f'dik is-sentenza inghataw il-konsiderazzjonijiet kollha ghad-decizjoni tal-Qorti, a skans ta' ripetizzjoni l-Qorti

[1] Dok. AF

mhix ser tirriproduci dak kollu li gia' intqal minnha, izda sejra tmur direttament ghall-parti operattiva tas-sentenza.

**DECIDE:**

GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI:

1. Tichad l-ewwel talba attrici ghar-ragunijiet fuq imsemmija u tordna li l-kura u kustodja tal-minuri E  tigi fdata esklussivament lill-konvenuta.
2. Tichad it-tieni talba attrici stante li l-kura u kustodja tal-minuri hija esklussiva ghall-konvenuta.
3. Tichad it-tielet talba attrici u tordna li l-access isir taht moniteragg mad-Direttorat tal-Harsien Tat-Tfal (Appogg) b'dana li jsiru *assessments* u rapporti bir-rakkomandazzjonijiet mehtiega fuq l-access kull sitt xhur, jew zmien iehor verjuri hekk kif l-istess Direttorat jiddetermina.
4. Tichad ir-raba' talba attrici u dwar l-access tikkonferma kif ghandu jigi ezercitat fi granet specifici u specjali tas-sena kif ukoll fil-vaganzi tal-minuri.

**L-ispejjez kif mitluba ghandhom jigu sopportati interament mill-attur.**

**Onor. Imhallef Dr. Anthony J. Vella**

**Cettina Gauci- DEP REG**